32004R1785

16.10.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 317/1

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, Euratom) Nru 1785/2004

## tal-5 ta' Ottubru 2004

## li jistabbilixxi l-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Jannar 2004 ħar-rimunerazzjoni ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej li jkunu jaħdmu f'pajjiżi terzi

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidra ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Kommunitajiet Ewropej u l-kondizzjonijiet ta' l-impieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet, stabbilit bir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 13 ta' l-Anness X tiegħu

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Għandhom jitqiesu l-bidliet fl-għoli tal-ħajja fil-pajjiżi barra il-Komunità u jiġu stabbiliti għaldaqstant il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Jannar 2004 għar-rimunerazzjoni mħallsa fil-munita tal-pajjiz ta' l-impjieg lill-uffiċjali li jkunu jaħdmu f'pajjiżi terzi.

(2) Il-koeffiċjenti korrettivi, li fir-rigward tagħhom ikun sar il-ħlas fuq il-bazi tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 64/2004 li jistabbilixxi l-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Lulju 2003 ([2]), jistgħu iwasslu għal aġġustamenti 'l fuq jew 'l isfel retrospettivi fir-rimunerazzjoni.

(3) Għandu jkun hemm provvediment għal ħlas b'lura fil-każ ta' żieda fir-rimunerazzjoni minħabba il-koeffiċjenti korrettivi ġodda.

(4) Għandu jkun hemm provvediment għall-irkuprar ta' ammonti mħallsa żejda fil-każ ta' tnaqqis fir-rimunerazzjoni minħabba l-koeffiċjenti korrettivi ġodda għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2004 u d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(5) Għandu jkun hemm provvediment biex irkuprar bħal dan ikun ristrett għal perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur qabel id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-koeffiċjenti korrettivi u sabiex l-effetti tagħha jinfirxu fuq perijodu ta' mhux aktar minn tnax-il xahar wara d-data ta' dik id-deċiżjoni, kif inhu l-każ għall-koeffiċjenti korrettivi applikabbli fil-Komunità Ewropea għar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet ta' uffiċjali u aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'effett mill-1 ta' Jannar 2004, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli għar-rimunerazzjoni ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej li jkunu jaħdmu f'pajjiżi terzi pagabbli fil-munita tal-pajjiż ta' l-impjieg għandhom ikunu kif muri fl-Anness.

Ir-rati tal-kambju użati għall-kalkolu ta' din ir-rimunerazzjoni għandhom ikunu dawk użati għall-implimentazzjoni tal-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għax-xahar li jiġi qabel id-data msemmija fl-ewwel paragrafu.

*Artikolu 2*

1. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu ħlasijiet b'lura fil-każ ta' żieda fir-rimunerazzjoni minħabba il-koeffiċjenti korrettivi murija fl-Anness.

([1]) ĠU L 56 ta' l-4.3.1968, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 723/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 (ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1).

2. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu aġġustamenti 'l isfel retrospettivi fir-rimunerazzjoni f'każ ta' tnaqqis fil-ħlas minħabba l-koeffiċjenti korrettivi murija fl-Anness għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2004 u d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

L-aġġustamenti retrospettivi li għandhom x'jaqsmu ma' l-irkuprar ta' ammonti mħallsa żejda għandhom ikunu ristretti għal perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-irkuprar għandu jkun mifrux fuq perijodu ta' mhux aktar minn tnax-il xahar minn dik id-d-data.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar il-5 ta' Ottubru 2004

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. R. BOT

*ANNESS*

| POST TA' IMPJIEG | Koeffiċjenti korrettivi Jannar 2004 |
|---|---|
| L-Afganistan (*) | 0,0 |
| L-Afrika t'isfel | 69,0 |
| L-Albanija | 80,6 |
| L-Alġerija | 86,7 |
| Dik li Qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | 74,8 |
| L-Angola | 117,7 |
| L-Għarabja Sawdita (*) | 0,0 |
| L-Arġentina | 61,0 |
| L-Awstralja | 100,1 |
| Il-Bangladexx | 56,7 |
| Il-Barbados | 104,7 |
| Il-Benin | 87,7 |
| Il-Bolivja | 49,9 |
| Il-Bosnia u Herżegovina | 74,5 |
| Il-Botswana | 74,8 |
| Il-Brażil | 58,5 |
| Il-Bulgarija | 72,9 |
| Il-Burkina Faso | 82,6 |
| Il-Burundi (*) | 0,0 |
| Il-Kambodja | 64,3 |
| Il-Kamerun | 99,1 |
| IL-Kanada | 79,5 |
| Il-Kap Verde | 75,1 |
| Iċ-Ċili | 73,4 |
| Iċ-Ċina | 75,9 |
| Ċipru | 99,2 |
| Il-Ċisġordan — Il-Medda ta' Gaza | 87,8 |
| Il-Kolumbja | 55,7 |
| Il-Kongo | 129,8 |
| Il-Korea ta' Isfel | 88,1 |
| Il-Kosta Rika | 72,1 |
| Il-Kosta ta' l-Avorju | 107,0 |
| Il-Kroazja | 93,9 |
| Kuba | 91,5 |
| Il-Ġibuti | 96,6 |
| L-Eġittu | 45,4 |

| POST TA' IMPJIEG | Koeffiċjenti korrettivi Jannar 2004 |
|---|---|
| L-Ekwador | 69,6 |
| L-Eritrea | 42,6 |
| L-Estonja | 74,1 |
| L-Istati Uniti (New York) | 103,6 |
| L-Istati Uniti (Washington) | 100,1 |
| L-Etjopja | 69,6 |
| Il-Gabon | 113,7 |
| Il-Gambja | 35,5 |
| Il-Ġeorġja | 81,7 |
| Il-Gana | 70,5 |
| Il-Gwatemala | 71,7 |
| Il-Ginea | 75,4 |
| Il-Ginea-Bissaw | 140,8 |
| Il-Gujana | 59,0 |
| Il-Ħaiti | 85,7 |
| Hong Kong | 86,6 |
| L-Ungerija | 69,5 |
| Il-Gzejjer Fiġi | 72,9 |
| Il-Ġzejjer | 81,4 |
| L-Indja | 48,5 |
| L-Indoneżja | 84,5 |
| L-Iżrael | 91,4 |
| Il-Ġamajka | 82,5 |
| Il-Ġappun (Naka) | 128,7 |
| Il-Ġappun (Tokyo) | 137,3 |
| Il-Ġordan | 75,0 |
| Il-Każakstan | 91,9 |
| Il-Kenja | 76,7 |
| Il-Laos | 71,2 |
| Il-Lesoto | 71,0 |
| Il-Latvja | 70,3 |
| Il-Libanu | 91,3 |
| Il-Liberja (*) | 0,0 |
| Il-Litwanja | 73,2 |

| POST TA' IMPJIEG | Koeffiċjenti korrettivi<br>Jannar 2004 |
|---|---|
| Il-Madagaskar | 89,4 |
| Il-Malasja | 72,7 |
| Il-Malawi | 69,5 |
| Il-Mali | 90,4 |
| Malta | 96,3 |
| Il-Marokk | 84,1 |
| Il-Mawrizju | 73,7 |
| Il-Mawritanja | 63,0 |
| Il-Messiku | 73,0 |
| Il-Możambik | 73,7 |
| In-Namibja | 81,6 |
| In-Nepal | 67,3 |
| In-Nikaragwa | 67,4 |
| In-Niġer | 86,2 |
| In-Niġerja | 70,8 |
| In-Norveġja | 128,5 |
| New Caledonia | 120,9 |
| L-Uganda | 66,9 |
| Il-Pakistan | 50,5 |
| Il-Papwa-Ginea Ġdida | 74,0 |
| Il-Paragwaj | 61,5 |
| Il-Perù | 79,8 |
| Il-Filippini | 48,7 |
| Il-Polonja | 66,2 |
| Ir-Repubblika Afrikana Ċentrali | 112,5 |
| Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo | 140,9 |
| Ir-Repubblika Dominikana | 42,7 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 80,1 |
| Ir-Rumanija | 49,5 |
| Ir-Russja | 101,3 |
| Ir-Ruwanda | 77,1 |
| Is-Senegal | 79,1 |
| Is-Serbja u Montenegro | 62,9 |
| Is-Sierra Leone | 68,8 |
| Singapor | 94,7 |

| POST TA' IMPJIEG | Koeffiċjenti korrettivi Jannar 2004 |
|---|---|
| Is-Slovakkja | 80,3 |
| Is-Slovenja | 83,4 |
| Is-Somalja (*) | 0,0 |
| Is-Sudan | 37,9 |
| Is-Sri Lanka | 59,1 |
| L-Isvizzera | 116,1 |
| Is-Surinam | 52,8 |
| Is-Sważiland | 68,7 |
| Is-Sirja | 56,8 |
| It-Tajwan | 87,0 |
| It-Tanzanija | 60,0 |
| Iċ-Ċad | 114,6 |
| It-Tajlandja | 60,7 |
| It-Togo | 97,5 |
| It-Trinidad u Tobago | 69,7 |
| It-Tuniżija | 75,8 |
| It-Turkija | 80,7 |
| L-Ukraina | 91,4 |
| L-Urugwaj | 58,5 |
| Il-Vanwatu | 118,9 |
| Il-Venezwela | 76,4 |
| Il-Vjetnam | 51,0 |
| Il-Jemen (*) | 0 |
| Iż-Żambja | 47,6 |
| Iż-Żimbabwe | 128,1 |

(*) Mhux disponibbli